Minuti tat-28 laqgha tas-sitt Kunsill Lokali Gharb li saret nhar il-Gimgha 10 ta' Gunju, 2011. Il-laqgha inzammet b'urgenza u nbdiet hin 15.30pm.

| | |
|---|---|
| **Prezenti:** | **Membri:** |
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Raymond Cassar |
| Kunsillier | Lisa Marie Brooke |
| | Emanuel Muscat |
| | CarmenVella |

**Ufficjali:**
Segretarju Ezekuttiv Joanne Attard

## 1. Infiorata.

Gie spjegat illi bhalma kien deciz fil-laqgha precedenti il-Kumitat tal-festa gie offrut €500 sabiex jaghti servizz tal-preparazzjoni u implimentazzjoni tal-Infiorata nhar il-festa izda l-Kumitat mhumiex ippreparat li jaccetta dan l-inkarigu minhabba impenji ohra tal-festa. Gie spjegat ukoll illi l-Kunsill kif diskuss fil-laqgha precedenti ser ikun qed jikkollabora fl-organizzazzjoni ta' attivita' socjo-kulturali li ser tinzamm fil-25 ta' Gunju u ghal dan il-ghan qed jivvota €200.

Il-Kunsill qabel illi l-Infiorata ghandha ssir peress li din issa saret parti mill-kalendarju kulturali tal-lokalita'. Gie deciz li ghandu j/tinstab persuna artistika possibilment mil-lokalita' biex thejji d-dizinn ta' din is-sena. Gew issuggeriti diversi persuni li ser jigu ikkuntattjati. Din tinghata kumpens zghir bhalma kien isir ma artisti ohra fis-snin precedenti.

## 2. Child care centre.

2.1 Gie spjegat illi gew approvati fondi mill-ECO Gozo ghal-eco-cab u eco-truck kif ukoll sabiex isir ic-child care centre, b'valur ta' €70,000 li minnhom il-Ministeru ghal Ghawdex ser ikun qed jaghti is-somma ta' €66,500. Il-Kunsill qabel li jinhargu l-offerti relatati.

2.2 Is-Sindku spjega illi huwa jinsab f'kuntatt mad-Dipartiment tas-Social Welfare Standards sabiex il-progett tac-*child care centre* innifsu u t-tmexxija tieghu isiru skond ir-rikwiziti ta' dan id-Dipartiment li jirregola dan is-servizz. Gie spjegat illi c-centru ser ikun jiehu madwar 20 tifel/tifla. Il-Kunsill issikuta dwar l-amministrazzjoni ta' dan ic-centru, fejn il-Kunsill qabel li l-amministrazzjoni

tieghu ghandha tkun *outsorced*, f'forma ta' *management agreement* bejn il-Kunsill u l-persuna/kumpanija li ser tidhol ghal dan il-ftehim. Il-Kunsill qabel li ghandha tinhareg offerta ghall-amministrazzjoni tac-centru u ghal *child minders*.

2.3 Is-Sindku spjega illi l-progett approvat jinkludi €2000 ghall-promozzjoni tac-*child care centre* sabiex ikunu jistghu isiru leaflets li jitqassmu gewwa d-djar kollha Ghawdxin.

**3. Offerti Gharb's cultural and touristic conservation project – hatra ta' Bord ta' Evalwazzjoni**

3.1 Gie spjegat illi l-offerti/kwotazzjonijiet tad-diversi azzjonijiet ta' restawr marbuta mal-progett fuq imsemmi ser jaghlqu fis-17 ta' Gunju, u ghalhekk jinhtieg li jitwaqqaf bord ta' evalwazzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament u fost il-persuni li gew proposti in-Nutara Josette Spiteri Cauchi, gradwat/a fir-restawr fejn giet proposta Amanda Vella u *accountant*

**4. Materji ohra.**

**4.1** Gie spjegat illi l-Eden Award li intrebah mill-Kunsill Lokali Gharb permezz tal-progett ta' Wied il-Mielah ser jigi pprezentat waqt konferenza stampa fl-Gharb. Gie spjegat illi kien hemm tibdil fid-data u issa l-attivita' ser issir fis-7 ta' Lulju, 2011 fl-10.00am. Gie spjegat illi l-attivita' ser issir fil-Pjazza Zjara tal-Madonna u l-Kunsill ser ikun jinhtieg jikri xi tined zghar ghall-okkazjoni. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.2 Gie spjegat illi l-MTA ser tkun qed toffri €1500 lill-Kunsill sabiex jintuzaw fi promozzjoni ghal-lokalita'. Il-Kunsill qabel li jipproponi illi dawn il-fondi jintuzaw sabiex isir DVD dwar il-progett ta' Wied il-Mielah u dwar l-Gharb u gie deciz illi jigi kkuntattjat CVC ghal kwotazzjoni.

5. Is-Sindku spjega illi l-Kunsill ser ikun jinhtieg jikri garage biex iservi bhala store tal-Kunsill ghall-perjodu meta jkun qed isir ix-xoghol fuq ic-centru civiku. Il-Kunsill qabel illi ghandha tinhareg kwotazzjoni ghall-kiri ta' post biex iservi bhala store temporanju tal-Kunsill.

6. Is-Sindku spjega illi l-ghaqdiet lokali Gharb ukoll ibbenefikaw mill-fondi tal-Eko-Ghawdex u l-club tal-football ottjena fondi biex isiru xogholijiet ta' titjib fil-kumpless sportiv fi Triq Tumas Cassar.

7. Il-Kunsill iddiskuta dwar ir-regolamenti 'l godda dwar il-bejgh ta' xorb alkoholiku wara 9pm. Il-Kunsill qabel li min naha tieghu ghandu jaghti *no objection* biex ikun jista' jsir bejgh ta' xorb alkoholiku fil-festa u attivitajiet ohra

organizzati minn NGOs fl-Gharb bejn 9.00pm u 1.00am sakemm ikun hemm il-permessi kollha mehtiega bil-ligi.

8. Gew trattati il-ftehim ta' accettazzjoni mis-Segretarjat Parlamentari ghall-Kunsilli Lokali dwar ghotjiet mill-fond ta' ko-finanzjament fuq il-progetti EU OBIMED ghall-ammont ta' €16,145.33 u ghall-progett 'Gharb – working towards a sustainable future' ghall-ammont ta' €42,500 liema progett ahhari ghadu fi stadju ta' evalwazzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament li jaccetta u jiffirma dawn il-kuntratti ta' ftehim.

9. Is-Sindku informa lill-Kunsill illi l-Universita' ta' Malta flimkien mal-MCast qed jimplimentaw progett ta' moniteragg dwar energija ggenerata mill-bahar - Dexawave Energy Project fejn tpoggiet boga fil-bahar bejn id-Dwejra u Wied il-Mielah. Is-Sindku spjega illi saret talba mill-Ufficju tas-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said sabiex ikunu jistghu iwahhlu aerial fuq il-bejt tal-Kunsill. Fil-pubblicita' ta' dan il-progett ser jintqal li bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Gharb. Il-Kunsill qabel unanimament.

10. Is-Sindku aggorna lill-Kunsill dwar ix-xogholijiet relatati mal-masterplan tad-dranagg fejn gie spjegat illi l-pompa tad-dranagg mistennija li tibda tiffunzjona fi ftit jiem. Gie spjegat ukoll illi l-WSC qed ibaxxu t-tappieri fil-Wied u ghalhekk il-MEPA ghandha taghtihom l-awtorita' biex tinxteghel il-pompa.

11. Is-Sindku aggorna lill-Kunsill dwar it-tarag ta' Wied il-Mielah fejn gie spjegat illi l-insurance ser tkun qed thallas ghall-manifattura mill-gdid ta' dan is-sellum u ser thallas l-ammont kollu minbarra il-valur tal-materjal li gie salvat mis-sellum originali u li ser jerga' jintuza. Gie spjegat illi s-sellum ser ikun stallat bejn il-perjodu ta' Mejju – Settembru.

12. Dwar l-iskema PPP tat-toroq is-Sindku spjega li ghadhom ghaddejjin id-diskussjonijiet mal-kuntrattur u d-DLG biex jigi finalizzat il-kuntratt. F'dan ir-rigward is-Sindku spjega wkoll li ser ikun qed izomm laqgha mas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghal Ghawdex sabiex il-bazi ta' Triq Tumas Cassar issir min naha tal-Ministeru peress li din it-triq tkissret meta kienet ghaddiet minnha trinka tad-dranagg.

13. Wara li ingabu kwotazzjonijiet sabiex tkun imdawwla temporanjament Triq l-Isqof Molina permezz ta' floodlights, il-Kunsill qabel ma l-ahjar prezz ghal dan is-servizz ta' €15 kull floodlight.

14. Is-Sindku spjega illi l-Ministeru ghal Ghawdex ser ikunu qed jaghmlu it-tarmak fi Triq Sdieri fl-istess waqt li jkunu qed isiru x-xogholijiet ta' restawr ta' l-arkata min naha tal-Kunsill.

15. Il-Kunsill iddiskuta l-attivita' tat-trazmissjoni diretta tal-opra Tosca li ser issir it-Tnejn 13 ta' Gunju bhala parti mis-sena Ewropea tal-Volontarjat. Gie spjegat illi l-Kunsill kiseb sponsor ta' €500 minghand Baron Homes ghal din l-attivita' kif ghajnuna minghand GSD. Gie spjegat illi GSD ser jipprovdu numru ta' siggijiet, imwejjed, tined u umbrelel. F'kaz li jkun hemm bzonn ta' aktar imwejjed minn dawk provduti mill-GSD dawn ikun irid jipprovdihom il-Kunsill. Gie spjegat illi l-iscreen ser ikun armat in-naha tax-xellug tal-Pjazza jekk thares lejn il-Knisja u li jista' jkun methieg li ssir applikazzjoni ghal metre temporanju tad-dawl. Gie spjegat ukoll illi fl-istess waqt l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni ser ikunu qed itellghu *wine & pizza* bhala attivita' ta' *fund raising* ghall-banda. Il-Kunsill qabel unanimament.

16. Bhalma gie spjegat f'laqghat precedenti bejn id-19 u 22 ta' Gunju, ser tkun qed issir laqgha transnazzjonali taht il-progett OBIMED. Din il-laqgha ser issir gewwa Comune di Sciacca fi Sqallija u ghaliha il-Kunsill ser ikun raprezentat.

17. Il-laqgha spiccat hin 5.00pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Joanne Attard
Segretarju Ezekuttiv